**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 6/12VG**

**Victoria Zahra de Domenico**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 8 ta' April 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Victoria Zahra de Domenico fit-13 ta' Jannar 2012 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in forza ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €2,204.50 bhala taxxa u s-somma ta' €2,204.50 bhala taxxa addizzjonali/penali in konnessjoni ma' l-akkwist b'titolu ta' cens temporaneju ta' l-arja li testendi bejn il-hamsa u ghoxrin (25) filata mill-livell tat-triq u t-tmienja u tletin (38) filata mill-livell tat-triq ta' blokk ta' appartamenti fi stadju ta' kostruzzjoni, intenzjonata tali Arja ghall-bini ta' l-appartament numru tlieta (3) fit-tieni sular tal-blokk b'entratura minn Main Street, flimkien mad-dritt ta' uzu tal-partijiet komuni ta' l-imsemmi blokk ta' appartamenti u d-dritt ta' uzu ta' parking space fil-livell sottoterran ta' l-istess blokk ta' bini, fi Triq Giorgio Borg Olivier, gia Grenfell Street, San Giljan, bin-numri erbgha u hamsin (54), hamsa u hamsin (55) u sitta u hamsin (56) u b'entratura oha f'Main Street numru mij disgha u hamsin (159), bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 30 ta' Settembru 2008, u bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 5 sa' 34 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrenti, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi kkonfermata stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra li b'Digriet mogħti fil-15 ta' Marzu 2012[1], it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promotur u kull fejn meħtieġ fl-atti, fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiġi indikat bħala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan a tenur ta' l-Att XX ta' l-2011 li daħal fis-seħħ in forza ta' l-Avviż Legali 16 ta' l-2012;

Ra li waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2013[2] id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) talab li jiġi awtorizzat iressaq Risposta Ulterjuri għall-fini li jissolleva l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell intavolat mir-Rikorrenti, liema talba ġiet opposta mill-istess Rikorrenti;

Ra li b'Digriet mogħti fl-14 ta' Jannar 2014[3], it-Tribunal laqa' t-talba tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u awtorizzah jippreżenta Risposta Ulterjuri u b'hekk jissolleva l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell intavolat mir-Rikorrenti;

Ra r-Risposta Ulterjuri tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) permezz ta' liema jeċċepixxi li l-appell intavolat mir-Rikorrenti huwa *fuori termine* skond l-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu hija ġiet notifikata bl-Avviż ta' Rifjut fl-20 ta' Settembru 2011 u l-appell odjern ġie intavolat fil-13 ta' Jannar 2012 u għaldaqstant il-Likwidazzjoni ta' Taxxa hawn kontestata illum hija finali u konlussiva a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra l-affidavit ta' Alfred Zahra de Domenico u tar-Rikorrenti markati Dok. "AZD1" u Dok. "AZD2" esebiti mill-istess Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fis-27 ta' April 2012 a fol. 50 sa' 54 tal-process, sema' x-xhieda tan-Nutar Peter Carbonaro mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2012[4] u x-xhieda ta' Roderick Abela mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2012[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RA1" u Dok. "RA2" a fol. 73 sa' 75 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Henri Portelli mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2013[6] u x-xhieda tal-Perit Godwin Zammit mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2013[7] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "GZ1" a fol. 91 tal-process, ra l-affidavit ta' Ivan Portelli, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), markat Dok. "IP" u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "DG1" sa' Dok. "DG15" esebiti mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota ppreżentata fl-10 ta' Ottubru 2013 a fol. 95 sa' 118 tal-process, sema' x-xhieda ta' Alfred Zahra de Domenico mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2014[8] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "ZD1" sa' Dok. "ZD5" a fol. 142 sa' 146 tal-process, sema' x-xhieda ta' Carmel Briffa mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2014[9] u x-xhieda tal-Perit Tancred Mifsud mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Ġunju 2014[10] u tal-25 ta' Novembru 2014[11];

---

[1] Fol. 49 tal-process.
[2] Fol. 94 tal-process,
[3] Fol. 124 sa' 127 tal-process.
[4] Fol. 64 sa' 67 tal-process.
[5] Fol. 76 sa' 79 tal-process.
[6] Fol. 87 u 88 tal-process.
[7] Fol. 92 u 93 tal-process.
[8] Fol. 147 sa' 150 tal-process.
[9] Fol. 151 u 152 tal-process.
[10] Fol. 154 u 155 tal-process.
[11] Fol. 164 sa'169 tal-process.

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Carbonaro datat 30 ta' Settembru 2008[12], ir-Rikorrenti akkwistat verso l-prezz ta' €58,234.33, l-arja li testendi bejn il-25 filata mill-livell tat-triq u it-38 filata mill-livell tat-triq ta' blokk ta' appartamenti fi stadju ta' kostruzzjoni, intenzjonata tali arja ghall-bini ta' l-appartament numru 3 fit-tieni sular b'entratura minn Main Street, flimkien mad-dritt ta' uzu tal-partijiet komuni ta' l-imsemmi blokk ta' appartamenti u d-dritt ta' uzu ta' parking space fil-livell sottoterran ta' l-istess blokk ta' bini, fi Triq Giorgio Borg Olivier, gia Grenfell Street, San Giljan, bin-numri 54, 55 u 56 u b'entratura ohra f'Main Street numru 159, kif soggetta l-imsemmija arja ghar-rata taghha ta' parti mic-cens annwu u temporaneju ta' 25c, ekwivalenti ghal €0.10, dovuti lill-Joint Office ghaz-zmien li fadal ta' cirka 67 sena mill-koncessjoni originali maghmula ta' 150 sena li bdew jiddekorru fit-30 ta' Settembru 1921 u ghas-subcens annwu u temporaneju ta' €0.50 ghaz-zmien li fadal mill-perijodu originali imsemmi, liema sub-cens gie impost bl-att ta' trasferiment in kwistjoni.

It-trasferiment gie komunikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-18 ta' Dicembru 2008[13], li a sua volta inkariga lill-Perit Tancred Mifsud sabiex jaghti stima tal-valur reali ta' l-arja trasferita fiz-zmien tat-trasferiment. Il-Perit Tancred Mifsud ta stima ta' €120,000[14] u siccome l-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa inqas minn 85% tal-valur stmat mill-Perit Mifsud, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110915 fil-konfront tar-Rikorrenti fejn talabha thallas is-somma ta' €2,204.50 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €61,700 u s-somma ulterjuri ta' €2,204.50 bhala taxxa addizzjonali/penali[15]. Ir-Rikorrenti oggezzjonat ghal din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' diversi ittri ta' oggezzjoni datati 6 ta' Ottubru 2009[16], 19 ta' Frar 2010[17] u 28 ta' Frar 2010[18], izda l-oggezzjonijiet taghha gew michuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'Decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 14 ta' Settembru 2011[19] u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110915 giet ikkonfermata u regghet inharget mill-gdid fl-14 ta' Settembru 2011[20].

Ir-Rikorrenti hassitha aggravata b'din id-Decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa u fit-13 ta' Jannar 2012 istitwiet il-proceduri odjerni permezz ta' liema titlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi revokata. Hija tibbaza l-appell taghha fuq is-segwenti aggravji: (i) il-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment jirrifletti l-valur reali u tas-suq tal-proprjetà mibjugha fit-30 ta' Settembru 2008 fl-istat u kondizzjoni li

[12] Dok. "A" a fol. 5 sa' 12 tal-process.
[13] Dok. "DG1" a fol. 98 sa' 100 tal-process.
[14] Dok. "DG2" a fol. 101 tal-process.
[15] Dok. "DG3" a fol. 102 tal-process.
[16] Dok. "DG4" a fol. 103 tal-process.
[17] Dok. "DG7" a fol. 106 tal-process.
[18] Dok. "DG8" a fol. 107 tal-process.
[19] Fol. 111 sa' 113 tal-process.
[20] Dok. "DG10" a fol. 109 u 110 tal-process.

kienet fiha fil-mument tal-bejgh u l-kondizzjonijiet kollha fil-kuntratt kienu jirriflettu l-ftehim tal-partijiet kontraenti. Il-valur dikjarat jirrispekkja n-negozjati bejn il-partijiet kontraenti li t-tnejn gharfu jissalvagwardjaw l-interessi taghhom, in oltre dan il-valur gie kkonfermat mill-Perit Godwin Zammit; (ii) il-fatt li l-prezz dikjarat fl-atti ta' trasferiment jirrifletti l-valur reali u tas-suq tal-proprjetà mibjugha fit-30 ta' Settembru 2008 gie tacitament affermat ukoll mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. It-trasferiment ta' l-arja in kwistjoni kien jifforma parti minn ftehim ikbar fejn ir-Rikorrenti u r-ragel taghha kienu ttrasferew id-dar residenzjali taghhom f'Nru. 159, Main Street, San Giljan, lis-socjetà li eventwalment bieghet l-arja lir-Rikorrenti u minflok liema fond gie zviluppat il-blokk ta' appartamenti li tieghu tifforma parti l-arja trasferita lill-imsemmija Rikorrenti. It-trasferiment tal-fond Nru.159, Main Street, San Giljan sar ghall-valur ta' Lm70,000, ekwivalenti ghal €163,056, ossia ghall-valur ta' €27,176 ghal kull arja ta' appartament eventwalment mibjugh. Ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa fuq it-trasferiment da parte tar-Rikorrenti u zewgha tal-fond Nru.159, Main Street, San Giljan, dik il-Likwidazzjoni giet in segwitu kkancellata meta gie muri lill-Kummissarju li l-valur moghti lill-imsemmi fond kien jeccedi l-valur attribwit lill-istess fond minn diversi periti, inkluz il-Perit tal-Bank. Il-bejgh tal-fond ghalhekk ma kien xejn hlief il-bejgh ta' l-arja li kien jokkupa meta kien erett, li biz-zieda ta' l-ispejjez ghat-twaqqiegh tal-fond, jirrapprezenta l-valur komplessiv tad-diversi arjiet li finalment inbnew fuqu. Il-valur tal-fond meta gie trasferit, approvat tacitament mill-Kummissarju, ma jistghax jghodd biss jekk il-fond jibqa' mibni u ma jibqax jghodd meta l-fond jitwaqqa'. Apparte dan kollu l-valur moghti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta originarjament kien qed jargumenta li valur tal-fond trasferit kien iktar, huwa ukoll inferjuri ghad-diversi arjiet maghduda flimkien.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110915 datata 14 ta' Settembru 2011 u jitlob li l-istess jigi michud u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi kkonfermata stante li d-decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni mehuda minnu u il-Likwidazzjoni ta' Taxxa maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi. B'Risposta Ulterjuri pprezentata fl-24 ta' Jannar 2014[21], il-Kummissarju tat-Taxxi ssolleva wkoll l-eccezzjoni li l-appell odjern gie intavolat *fuori termine* skond l-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-Likwidazzjoni ta' Taxxa giet notifikata lir-Rikorrenti fl-20 ta' Settembru 2011, u ghaldaqstant illum din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa hija finali u konklussiva a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal qabel ma jittratta l-appell in ezami fil-mertu, ghandu l-ewwel jittratta u jiddeciedi dwar l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-Risposta Ulterjuri tieghu.

A tenur ta' l-Arikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *kull persuna illi thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal* ***fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta'***

[21] Hekk kif awtorizzat b'Digriet moghti fl-14 ta' Jannar 2014, fol. 124sa' 127 tal-process.

***avviz ta' rifjut tal-Kummissarju li jemmenda l-likwidazzjoni kif mitlub***[22]. Ghalhekk it-terminu ta' appell minn Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, fil-konfront ta' *tax payer* huwa ta' tletin gurnata minn meta t-*tax payer* jigi notifikat bl-Avviz ta' Rifjut.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni - Dok. "DG10" a fol. 109 sa' 113 tal-process - datat 14 ta' Settembru 2011, gie notifikat fl-**20 ta' Settembru 2011**[23]. Li r-Rikorrenti rceviet l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni jirrizulta mill-ittra taghha datata 12 ta' Ottubru 2011[24] fejn gharrfet lill-Kummissarju li *with reference to your letter of 14 September 2011, in which you stated that you do not see any valid reason to cancel the assessment in question, I am bringing to your attention the following facts which I pray will make you reconsider…* Ir-Rikorrenti effettivament intavolat l-appell odjern quddiem dan it-Tribunal fit-**13 ta' Jannar 2012**, u cioè **kwazi erba' xhur wara li giet notifikata bl-Avviz ta' Rifjut.**

Mir-Rikors promotur u mill-provi prodotti mir-Rikorrenti jirrizulta li l-istess Rikorrenti tirrikonoxxi li l-appell odjern huwa tardiv izda tikkontendi li tali tardività ghandha tigi sanata stante li: (i) hija ma kenitx avzata bil-proceduri li kellhom jittiehdu biex isir appell ai termini tal-Ligi in segwitu ghal rifjut da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni; u (ii) fi kwalunkwe kaz, hemm accettazzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi li jekk jigi intavolat appell, kif fil-fatt sar, l-istess Kummissarju ma kienx se jissolleva l-kwistjoni dwar it-tardività ta' l-appell in opposizzjoni u kontestazzjoni ghal tali appell.

Fir-rigward fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti specifikatament tikkontendi li *l-appellanti tirrileva wkoll illi hija kienet ittentat tappella mid-decizjoni ta' l-intimat b'ittra tad-9 ta' Novembru 2011. Dan sar ghaliex l-appellanti ma kienetx avzata bil-proceduri illi kellhom jigu mehuda biex isir appell skond il-Ligi. B'email mibghut minnu fis-16 ta' Dicembru 2011, l-intimat gharraf illi jekk isir l-appell odjern huwa ma jissollevax it-trapassagg taz-zmien altrimenti mahsub mill-Ligi ghall-prezentata ta' l-appell bhala eccezzjoni ghall-istess*[25].

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2014[26], Alfred Zahra de Domenico, ir-ragel tar-Rikorrenti, iddikjara li: *jiena kont bieghhejt id-dar tieghi u bl-approval tal-bank. L-Inland Revenue baghtu lill-perit taghhom meta ghamilna l-kuntratt u ghamlilna figura fantastika tal-valur tal-bank. Jiena kont ukoll gibt lill-Perit tal-Bank biex jaghmel il-figura tieghu. Meta jiena kont ktibt lill-Inland Revenue fejn infurmajthom li din id-dar inbieghet bil-kunsens tal-bank u l-flus li gibt jien kienu hamest elef aktar mill-istima tal-Perit tal-Bank, huma baghtuli karta lura bil-kliem cancelled we established the value of the property. Meta l-mara ghamlet il-kuntratt tax-xiri ta' l-airspace, ghax meta bieghhejtha kien hemm understanding li ahna qed inzommu airspaace ghal flat ghalina, l-Inland Revenue baghtilna Perit u dan ghamel value iehor fantastiku. Il-Perit li ghamel li he didn't measure the size of the*

---

[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Fol. Dok. "DG11" a fol. 114 tal-process.
[24] Dok. "DG12" a fol. 115 tal-process.
[25] Para. 6 tar-Rikors promotur, fol. 2 tal-process.
[26] Fol. 147 sa' 150 tal-process.

*airspace but he measured the walls of a flat, il-kmamar tal-flats. Jiena meta ircevejt l-ittra minghandhom, ktibt lill-Inland Revenue u ghedtilhom li dan il-valur mhux korrett ghaliex il-valur tal-proprjetà kien accettat mill-Inland Revenue qabel. Il-valur ta' l-airspace huwa one seventh of the value of the property because the property was sold with airspace so you already got a definite figure of the airspace. Però dan xorta ma accettawhx biss meta ktibtilhom irrispondieni s-Sur Ivan Portelli u qalli hekk "nirreferi ghall-ittra tieghek lil dan id-dipartiment datata 12 ta' Ottubru rigwardanti l-kont pendenti u nigbed l-attenzjoni li r-rifjut tad-dipartiment hareg fl-14 ta' Settembru u gie servut lilek fl-20 ta' Settembru. Minn din id-data inti kellek tletin gurnata cans hekk kif provdut mill-Ligi biex taghmel l-oggezzjoni tieghek quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hekk kif stipulat mill-Ligi tat-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti. F'dan l-istadju d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija ormai finali u konklussiva". ... Wara dik jiena ktibtlu biex nikkontesta d-data* [ta' l-gheluq ghall-perijodu ta' l-appell] *imbaghad is-Sur Portelli kien rega' kitibli u qalli "I refer once again following your recent letter dated 9th November 2011. Kindly I am informing you in my last letter, your objection had to be filed within thirty days as provided in art. 56(1) of the Duty on Documents and Transfers Act (Chapter 364). ... Jiena naturalment cempilt lill-Kummissarju ta' l-Inland Revenue lis-Sur Carmel Briffa u mort u spjegajtlu l-kaz tieghi. Huwa deher li tani ragun u baghat email lis-Sur Tarcisio Scicluna u tani kopja taghha, li fiha hemm imnizzel "at this point the taxpayer has to present an objection to the Administrative Review Tribunal due to the fact that the taxpayer had erroneously filed an objection at the CTD Department. The Department will not insist on the time limit as a point of contention to dismiss case". ... Jiena, basing myself fuq l-ewwel kaz fejn huma accettaw l-oggezzjoni tieghi tal-bejgh tad-dar, fuq hemm I followed the same procedure. Minn hemm apparentement il-Ligi inbidlet u fl-ittra lili qatt ma qaluli li trid tapplika l-Qorti. Tribunal Amministrattiv ghalija huwa Tribunal tad-Dipartiment, Special Commissioners u mhux il-Qorti.*

Carmel Briffa, li fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri kien ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, prodott bhala xhud mir-Rikorrenti ddikjara: *Il-kaz kellna kazi bhalu wkoll fejn kien hemm certu tax payers li bi zball kienu qed jibghatu l-letter of objection lill-Capital Transfer Duty minflok it-Tribunal u kellna instructions mill-Commissioner of Inland Revenue ta' dak iz-zmien li kaz, u billi kellna xi zewg kazi biss, trattajniehom fuq il-punti teknici biss.* Muri d-dokument datat 16 ta' Dicembru 2011 markat Dok. "ZD1" a fol. 142 tal-process, indirizzat minnu lil Tarcisio Scicluna, Carmel Briffa ddikjara: *fil-fatt qieghda miktuba hawnhekk, mhux ser tkun il-point of contention imma nitrattaw il-kaz fuq il-merti tieghu, dawk teknici li jkollna mill-periti*[27].

Wara li qies u kkonsidra r-ragunijiet in bazi ghal liema r-Rikorrenti tikkontendi li l-appell intavolat minnha quddiem dan it-Tribunal fit-13 ta' Jannar 2012 ma ghandux jitqies *fuori termine* u tardiv, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn ir-ragunijiet ma jistghux u ma ghandhomx jigu accettati Minnu.

[27] Xhieda moghtija minn Carmel Briffa waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, fol. 151 u 152 tal-process.

Jibda biex jigi osservat li kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrenti fir-Rikors promotur u dak dikjarat minn Alfred Zahra de Domenico fix-xhieda moghtija minnu waqt is-seduta ta' tas-26 ta' Mejju 2014, ir-Rikorrenti kienet bhala fatt infurmata dwar il-procedura li kellha tigi segwita f'kaz illi taghzel li tappella mill-Avviz ta' Rifjut notifikat lilha. Di fatti fl-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni[28] hemm esplicitament provdut illi *nigbed l-attenzjoni tieghek ghall-artikolu 58 ta' l-Att li jaghtik id-dritt li tappella minn dan ir-Rifjut fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz. L-artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta hija s-segwenti: Kull persuna li thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.*

Ghalkemm fix-xhieda tieghu Alfred Zahra de Domenico jikkontendi li huwa ma kienx jaf li l-Ligi f'dak li jirrigwarda appelli kienet inbidlet u ghalkemm jghid li hadd ma qallu li l-proceduri jridu jigu istitwiti l-Qorti u li ghalih Tribunal ifisser il-Bord ta' Kummissarji Specjali u mhux it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, it-Tribunal ma jqisx li a bazi ta' hekk it-tardività ta' l-appell tista' u ghandha b'xi mod tigi sanata u dana anke in bazi ghall-principju ormai assodat illi l-injoranza tal-Ligi mhiex skuzanti.

Apparti dan kollu osservat, jibqa l-fatt li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li t-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali - bhalma huwa appuntu l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta - li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Fir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti sentenzi:

- Sentenza fl-ismijiet **Carmel Mercieca v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar 2006, fejn appuntu dik il-Qorti osservat illi *t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u fuq kollox ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament procedurali taghna t-termini "huma jew gudizzjarji, li billi huma imposti mill-ligi jissejhu wkoll legali jew gudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummercjali, 6 ta' Lulju 1993). It-termini gudizzjarji, li jikkoncernaw a propozitu l-kaz taht ezami, huma, imbaghad, klassifikati bhala perentorji jew ordinatorji. Il-Ligi taghna donnha tohloq presunzjoni tal-karattru ordinartorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn ezami ta' certi disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 106 tieghu. Naturalment anke jekk ma jkunx jinghad expressis li certu terminu hu wiehed perentorju dan il-karattur jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduci d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara ad ezempju Artikolu 963 tal-*

[28] Dok. "DG10" fol. 109 sa' 112 tal-process.

*Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni ghall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enuncjazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV pI P276: Secondo i principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quel termine quell' atto non sarebbe più ammissibile. Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jistghax jigi proprogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta' Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] - fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta* - ossia t-terminu entro liema ghandu jigi ipprezentat appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta - *it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stimi hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, appell "ma jkunx validu". ... Anke kieku stess però dak it-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatoirju li, skond l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossja qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell. ... Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. ... Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn min hu imsejjah biex jiggudika. ... il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummssarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoè li "il-Qrati (u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippremettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provduti bil-Ligi;*

- Sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et, Appell Nru. 17/07** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008, fejn il-Qorti osservat illi: *ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mill-ligi. F'dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ghall-proponiment ta' l-appell minn sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumaturi jiddekorri mid-data tas-sentenza. Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-*

*element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula (Giuseppi Caruana v. Charles Psaila, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997). Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat, sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa' recentement hafna osservat "in-natura inderogabbli tat-termini processwali iggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformità (Salina Wharf Marketing Limited v. Malta Tourism Authority, Appell mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007[29];*

- Sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Appell Nru. 14/06** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Mejju 2007, fejn il-Qorti osservat illi *kif saput it-terminu stabbilit hu wiehed fatali u ma jistax jigi sanat b'xi re-integranda. L-appellanti kellu jissodisfa din l-esigenza procedurali skond il-vot tal-Ligi u la dan ma ghamlux, l-appell tieghu ma jistax hlief jitqies irremedjabilment irritwali[30].*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat huwa evidenti li t-Tribunal ma jistax u ma ghandux jissana t-tardività ta' l-appell istitwit mir-Rikorrenti, liema appell jigi ribadit gie ipprezentat kwazi erba' xhur wara li l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni gie notifikat lill-istess Rikorrenti, dana lanqas fid-dawl tal-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi kien donnu propens li ma jissollevax it-tardività ta' dan l-appell in opposizzjoni u kontestazzjoni ta' l-istess appell.

Il-fatt illi r-Rikorrenti ma osservatx it-terminu preskritt fil-Ligi ghall-prezentata ta' appell quddiem dan it-Tribunal mill-Avviz ta' Rifjut, jirrendi awtomatikament l-improcedibilità ta' l-appell u ghaldaqstant it-Tribunal mhux ser jittratta l-istess appell fil-mertu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqis l-appell interpost mir-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110915 bhala irritu u null in kwantu prezentat tardivament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

---

[29] Vide wkoll Henry Braithwaite v. L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta et, Rik. Nru. 1/18 deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-30 ta' Novembru 2018.
[30] Abdelaziz Dhaidi v. Bortex Industry Company Limited, Appell Nru. 12/09 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru 2009.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**